MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2014

Numru. 265/2012

SPETTUR JASON SULTANA

VS

CIOCAN MARIUS EMIL

OMMISSIS

OMMISSIS

CIOCAN ALIN-DAN

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Ciocan Marius Emil ta' 21 sena, bin Ciocan Petrica and Nicolita, mwieled ir-Romania nhar it- 23 ta' Jannar 1991, residenti gewwa 18, Melita, Triq il-Bramel, Is-Swieqi, u detentur tal- karta tal-identita` 52531(A)**

**U**

**OMMISSIS**

**U**

**OMMISSIS**

**U**

**Ciocan Alin-Dan ta' 24 sena, bin Petrica and Nicolita, imwieled ir-Romania nhar it-18 ta' Gunju 1987, residenti residenti gewwa Flat 6, Triq il- Flotta, Gzira, u detentur tal- karta tal-identita` Rumena OT 312421**

**Lil Ciocan Marius Emil u lil Alin-Dan talli f'dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar jiem u jew gimghat b'diversi atti maghmulin minnhom ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;**

1. **Nhar it-23 ta' Frar 2012 u/jew fil-granet u jew gimghat ta' qabel, matul il-Lejl, f' dawn il-Gzejjer u cioe' minn gewwa l-fond bl-isem Margerite li jinsab 49, Triq il-Qasam Swieqi, ikkomettew serq ta' diversi hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil- Mezz, bil- Hin kif ukoll bil-valur li jeccedi 232.94 Euro u li sar ghad-detriment ta' Neville Cesareo u/jew ta' persuni ohra;**

2. **U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharraqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fuq l- vetrina tal- hanut Maregerite li jinsab 49, triq il-Qasam Swieqi ghad detriment ta' Neville Cesareo liema hsara tiskorri mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47Ewro), imma inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centenzmu (1164.69€);**
3. **Kif ukoll talli nhar it – 23 ta' Frar 2012 u/jew fil-granet u gimghat ta' qabel, matul il-lejl, f' dawn il-Gzejjer u cioe' minn gewwa l-fond bl-isem Main Point li jinsab Triq ix-Xatt, Sliema, kkomettew serq ta' diversi hwejjeg u oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil- Mezz, bil- Hin kif ukoll bil-valur li jeccedi 232.94 Euro u li sar ghad-detriment ta' Paul Ellul u/jew ta' persuni;**

**4. U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharraqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fuq l- vetrina tal- hanut Main Point li jinsab Triq ix-Xatt, Sliema ghad detriment ta' Paul Ellul liema hsara tiskorri mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47Ewro), imma inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centenzmu (1164.69€);**

**5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrendew ruhom komplici fir-reati hawn fuq imsemmijin, billi xjentement ghenu jew assistew, lil awtur jew lil awturi tad-delitt, fl-atti li bihom id-delitt jew delitti, jkunu gew ippreparati jew ikkunsmati jew billi ta armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-ghemil tad-delitt, meta kien jaf li kellhom hekk jigu wzati;**

***6.* Talli fl-istess zmien laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akwistata b'reat, u / jew xjentement b'kull mod indahhlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom;**

**Lil Ciocan Alin-Dan wahdu akkuzat ukoll talli:-**

**8. b'hekk renda ruhu recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta kif preseduta mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. nhar l-14 ta' Frar 2008 liema sentenza saret defenttiva u ma tistax tigi mibdula;**

**Lil Ciocan Marius Emil Ryan wahdu nakkuzah ukoll talli:-**

**9. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dana bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat id-dokumenti kollha ezebiti;**

**Rat l-atti kollha tal-kawza;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

Ikkunsidrat;

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

**Wara li rat l-Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 264, 267, 270, 276, 277(b), 279(b), 280(2), 325(1)(b), 334(a), 17, 18, 31, 42, 533, 49, 50, 289 u 28B tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.**

**Din il- Qorti ssib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------